# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru wieħed u ħamsin (51) tal-Kunsill Lokali Mqabba, li nżammet nhar it-Tlieta, 8 ta' Ġunju, 2010, fis-6:37pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM).

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻATA: | Grace Marie Mallia | Kunsillier (infurmatna li ma tiflaħx) |

1. Is-segretarju eżekuttiv qal li sad-data tal-għeluq, jiġifieri sal-lum ma kien irċieva l-ebda kwotazzjoni għar-rati fis-siegħa li setgħu tefgħu l-għalliema biex tkun organizzata is-*Summer School* fil-KLM, kif propost fis-seduti preċedenti.

2. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

3. Is-sergretarju eżekuttiv qara l-**minuti tas-seduta** preċedenti, dawn sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri, kienu approvati u ffirmati.

4. Meta fil-minuti ssemmew il-**qlugħ tas-siġar** il-kbar mis-*central strip* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Nicholas Briffa staqsa jekk din l-ispiża hux suppost kellha ssir min-naħa tal-KLM. Hu qal li minkejja li jifhem li s-*service road* hija tal-KLM u l-karreġġjata tal-gvern ċentrali, il-manutenzjoni tas-siġar u x-xtieli tas-*central strip*, minn dejjem kienet issir mill-*Environmental Landscapes Consortium (ELC)*. Dan ifisser li l-gvern ċentrali kien qed jassumi r-responsabbiltà tas-*central strip* għaliex il-KLM qatt ma ħallas għal dan is-servizz. Hu qal li jekk se nkomplu l-proġett se jkollna noħorġu fondi sostanzjali mill-KLM bla bżonn li jistgħu ikunu nvestiti f'xi ħaġa oħra bħal kostruzzjoni tat-toroq. Intant is-sindku qal li għax-xogħol fuq il-kurduna, il-KLM mhux se jħallas u lanqas tal-*bus shelter platform*. Hu qal li verament meta kellna l-kwistjoni li l-*ELC* ma kienux qed jieħdu ħsieb biżżejjed il-manutenzjoni, peress li dawn l-imxietel jaqgħu taħt il-gvern ċentrali, kellna nirrikorru għand il-*Manager ELC*, Dr Cushieri. Dwar il-*bus shelter*, Noel Galea li mar ikejjel id-distanza u sostna li dan se joqgħod komdu fis-sit li jinsab fih bħal issa. Xhieda ta' dan hu l-i*spray* li għamel mal-art.

5. Dwar id-diffikultà ta' **parkeġġ fi Triq il-Fjuri,** is-sindku qal li wara l-ittra tagħna bl-avukat, kien hemm żvilupp ieħor mill-avukat tal-Familja Bondin, billi reġgħu kitbulna lura. Noel Galea qal li fl-aħħar dawn aċċettaw it-talba tagħna li nlaqqgħuhom flimkien mar-residenti l-oħra tal-madwar, u fl-ittra qed jgħidu li nistgħu nestendu s-sinjal isfar li jipprojbixxi l-parkeġġ permezz ta' applikazzjoni li huma qed jistennew li l-KLM jagħmel ma' *Transport Malta (TM)*. Dwar dan is-sindku talab direttiva lill-Perit Lara Demicoli (Direttorat tal-Immaniġjar tat-Trasport) biex minkejja l-linji gwida li jeżistu, inkunu nafu bl-eżatt kif se nimxu dwar dan il-każ. Intant is-sindku stieden lill-kunsillieri biex jattendu l-laqgħa li qed jipproponi huwa stess għal nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, 2010 fis-7.00pm fil-KLM, għar-residenti ta' Triq il-Fjuri.

6. Intant dwar il-***letter of acceptance* (*LA*)** li qed nistennew mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex ikun jista' jibda ix-xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' toroq fir-raħal, is-sindku qal li għadu kemm ċempillu l-Onor Chris Said, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku, Kunsilli Lokali, Kompetizzjoni Ġusta u l-Konsumatur, u nfurmah illi din il-ġimgħa se toħroġ l-*LA*.

7. Dwar il-**korsijiet tal-*computer***, is-segretarju eżekuttiv kien imqabbad jikkumnika l-*computers* hu stess mis-sindku sabiex naraw jekk dawn għadhomx jaħdmu peress li dawn kienu żarmati u mitfugħin fl-art għal diversi xhur fl-Isptar il-Qadim, minn diversi żgħażagħ li użaw il-post u anke l-każin tal-futbol, u mbagħad nipproċedu billi nġiegħlu lil min kien interessat jiġi jħallas billi l-ħlas tal-għalliem jinqasam fuq tnax, il-massimu li tesa' l-klassi.

8. Il-kummenti tal-kunsillieri dwar it-tieni ħarġa tal-fuljett tal-kunsill **"Fuq l-Għatba tal-Kunsill"** kienet diskussa fid-dettall minkejja l-ammont żgħir ta' materjal li tikkontjeni. Nicholas Briffa qal li oriġinalment l-artiklu tiegħu kien twil 270 kelma. Wara li dan qassru, dan imbgħad kien sar fih 198 kelma. Meta imbgħad għat-tieni darba reġa' kien mitlub iqassru, hu sostna li ma setgħax jagħmel dan. Infatti hu qal li inċidentalment u b'kumbinazzjoni, l-artiklu ta' Grace Marie Mallia kien itwal minn tiegħu u 'l din ħadd ma qalilha biex tqassar tagħha, minkejja li hu kien l-ewwel kunsillier li għadda l-artiklu lill-uffiċċju. Għal dan il-kliem kemm il-viċi sindku kif ukoll is-segretarju eżekuttiv qalu li għaddew mill-istess esperjenza u filwaqt li Charles Farrugia qal li hu ta l-fakultà lil Mersia Mackay biex tqassar l-artiklu hija stess. Is-segretarju eżekuttiv qal li jekk xi ħadd ieħor jaqta' mill-artiklu li jkun kiteb ħaddieħor, jista' jkun hemm xi punti li jinqabżu u jkunu relevanti. Kien deċiż illi meta tkun stabbilita l-ġurnata li fiha jkun hemm id-*deadline* tas-sottomissjonijiet tal-artikli, min ma jonorahiex, jitlef id-dritt li l-artiklu tiegħu ikun pubblikat.

9. Għall-**mawra taż-Żebbuġin (Għawdex)** fostna propju l-bieraħ festa tas-*Sette Giugno*, is-sindku u s-segretarju eżekuttiv infurmaw lill-kunsillieri preżenti illi fil-preżenza wkoll ta' Grace Marie Mallia, ilqajna lill-Għawdxin bl-aħjar mod li stajna. Dawn semgħu quddiesa animata u mqaddsa mill-Kappillan tagħhom u qassis ieħor li kien mal-grupp ta' sebgħin persuna fil-Parroċċa tal-Imqabba u mbagħad ġibnielhom il-pastizzi u tajnihom il-kafè fl-Isptar il-Qadim. Hija ħasra illi ma ttieħed l-ebda ritratt min-naħa tagħna għaliex il-*camera* ma kienetx fl-uffiċċju.

10. Kollox hu lest għall-**kampanja pubbliċitarja u edukattiva** li se jagħmel il-KLM permezz tal-kuntrattur *Greenpak* nhar l-10 ta' Ġunju, 2010, fit-8:30am, fl-Iskola Primarja Mqabba dwar il-bżonn tas-separazzjoni tal-iskart. Is-sindku qal li sibna koperazzjoni sħiħa mill-Kap tal-Iskola biex din il-kampanja tinżamm propju fl-iskola. Intant is-sindku informa lill-kunsillieri li mil-ġimgħa d-dieħla rappreżentanti tal-*Greenpak* se jkunu qed iżuru l-familji Mqabbin iqassmu boroż tal-iskart riċiklat b'xejn u jedukaw in-nies f'dik li għandha ssir stil ta' ħajja u użanza biex nibżgħu għall-ambjent.

11. Il-minuti tal-**laqgħa ta' nhar it-18 ta' Mejju, 2010**, li żammew is-sindku u s-segretarju eżekuttiv mal-Ispettur tal-Pulizija, *Transport Malta (TM)*, u l-kap tal-aġenzija tal-gwardjani lokali, kienu ċirkulati mis-segretarju eżekuttiv lill-kunsillieri. Nhar it-**3 ta' Ġunju, 2010, il-KLM iltaqa' mal-Kumitat tal-Każin tal-Madonna tal-Ġilju** u l-punti ta' din il-laqgħa se jkunu mgħoddija lill-kunsillieri aktar tard minkejja li għaliha attenda kull kunsillier u għalhekk kulħadd jaf x'kien diskuss u x'kien deċiż. Infatti s-sindku qal li l-barikati tal-pulizija li se jintużaw mill-KLM għall-immaniġjar tat-traffiku, se jkunu depożitati mill-pulizija fejn il-bandli f'Misraħ il-Fidwa u dawk li se jkunu utilizzati mill-każin se jkunu depożitati fil-Pjazza tal-Knisja biswit iż-żebbuġa. Matul din il-laqgħa kien deċiż li d-*drink* li normalment isir għall-bandisti fil-festa, jsir nharha, liema ħin se jgħadduhulna aktar tard, minħabba li l-istess marċ se jbiddel ir-rotta.

12. B'żieda għal dak li ntqal f'din il-laqgħa, is-sindku semma l-ħruq **tan-nar tal-art fil-festa.** Hu qal li dawk li normalment kienu jarmaw il-kabbani tagħhom f'distanzi ta' tletin (30) metru jew inqas (skond kif issa qed ikun infurzat mill-awtoritajiet ċivili) 'il bogħod minn nar tal-art, jiġifieri dawk fi Triq id-9 ta' April, 1942, se jġiegħlhom jiffirmaw dikjarazzjoni illi jew iżarmaw il-kabbana qabel ma jibda' jinħaraq in-nar, inkella huma personalment responsabbli tal-kabbana tagħhom inkluż tal-persuna tagħhom jew impjegati f'każ ta' aċċident kaġunat min-nar tal-art. Din id-dikjarazzjoni ġiet mitluba mis-Segretarju tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, is-Sur

Benny Briffa, sabiex eventwalment jgħaddiha lill-pulizija. Hawnhekk is-segretarju eżekuttiv qal illi xorta jibqa' l-element ta' periklu għal min ikun qed jixtri u għalhekk irid jinstabilhom post ieħor, jekk mhux din is-sena, fis-snin li ġejjin, liema postijiet huma skarsi għaliex il-*by-pass* tiflaħ dak li tiflaħ.

13. Dwar il-**bnadar** li għandna ordnati, għand *Gauci Borda and Sons Ltd*, dawn wiegħduna li se jagħtuhomlna sal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Almenu s-segretarju eżekuttiv hekk kien assigurat minn din il-kumpanija li rappreżentant tagħha tkellem miegħu.

14. Dwar l-**allegat nuqqasijiet imsemmija mis-sindku fix-xogħol klerikali**, huwa qal illi l-laqgħa li ppropona, fil-fatt saret mal-*istaff* u kienu diskussi l-problemi. Hu qal li ippretenda li toħroġ il-verità, xi ħaġa li fl-ideja tiegħu għadha ma ħarġitx, minkejja li kien hemm suġġerimenti validi. Intqal illi s-segretarju eżekuttiv u s-sindku, ġaladarba jmexxu l-uffiċċju huma, jridu jimmotivaw aktar lill-impjegati klerikali anke billi saħansitra joħorġuhom soċjalment bejniethom u jżiegħlu bihom. Bħala riżultat ta' din il-laqgħa, s-sindku talab kif se jinqasam ix-xogħol fl-uffiċċju. Minn dan kollu, mal-minuti ta' din il-laqgħa (tal-*istaff*) li s-segretarju eżekuttiv ippreżenta lill-kunsillieri, kien hemm anness ix-xogħol u l-irwol tiegħu biss. Is-segretarju eżekuttiv qal li dan kollu se jibqa' jagħmlu minkejja li ħafna minn dan ix-xogħol jista' jsir mill-*istaff* mingħajr ħiliet speċjali. Dawn qed jagħmilhom, biex itaffi x-xogħol tal-*istaff* u volontarjament. L-*istaff* qalu illi meta jkollhom xogħol li jqabbadhom jagħmlu s-sindku minn jum għal jum, hija ħaġa normali illi jaqa' lura xogħol tal-*back office*, peress li dan jieħu preċedenza apparti realtajiet oħra li ħarġu f'din il-laqgħa dwar immaniġġjar tal-ħin.

15. Għall-applikazzjoni tal-***Youth in Action***, li ssemmiet fis-seduta /i preċedenti, biex il-KLM jipprova jirkupra fondi ħalli jtella' l-attività **L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien** f'Ottubru, 2010 mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja, is-sindku qal li ma kellux triq oħra klief li jinvolvi lill-Kunsillieri Grace Marie Mallia u Paul Spiteri, lil Mersia Mackay, Valerie Galea u lil Jeremy Mercieca. Din l-applikazzjoni kienet imwassla fil-ħin mis-segretarju eżekuttiv fil-*EUPA*, minkejja li d-dipartiment involut fis-sospenzjoni ta' dan il-programm tal-UE qalulu illi issa lanqas id-*deadlines* m'għadhom jgħoddu ġaladarba kien sospiż il-programm. Intant il-Viċi Sindku Charles Farrugia qal li l-Ministru tal-Edukazzjoni jidher li rranġat kollox u l-programm se jkompli mill-ġdid fil-futur qrib.

16. Għall-attività li nżammet nhar il-Ħadd, 30 ta' Mejju, 2010, mill-Kunsill Lokali Mqabba u l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, bl-isem ***"Science in the Community"*** attendew diversi kunsillieri minkejja li kienet ħafna xita u l-attendenza għal din l-esebizzjoni kienet waħda fqira. Madankollu l-organizzaturi għandhom tort għaliex il-ftehim kien li jekk ikun maltemp tintrema' t-tinda l-kbira li baqgħet ma ntremgħetx bit-tama li t-temp jiftaħ aktar tard. Din l-attività kienet finanzjata mill-*European Social Funds.*

17. Kien approvat ir-**Rapport Finanzjarju** għall-ewwel kwart tas-sena 2010, minn Jannar sa Marzu u dan se jkun mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fil-ħin.

18. Dwar il-pjanċa bl-**ismijiet minquxa ta' dawk illi ħadu Ġieh l-Imqabba** matul is-snin se jieħu ħsiebha s-sindku sabiex din titwaħħal mal-monument li kien tpoġġa fl-Isptar il-Qadim u li issa jinsab għand *Agius Stone Works.*

19. Il-Kunsill Lokali Mqabba permezz tal-applikazzjoni tiegħu għal skema lokali se jagħmel ***upgrading* tal-ġnien tal-ġibjun** u jinstalla dwal li jieħdu enerġija solari. Għat-tħabbir ta' din l-iskema, mill-Onor Chris Said, il-kunsillieri ġew infurmati mis-segretarju eżekuttiv illi hu ma sabx is-sit fejn saret iċ-ċerimonja, fil-*Ground* ta' Ħal Għaxaq, għaliex mar fil-wieħed il-ħażin; minn naħa tal-organizzaturi naqsu li jipprovdu l-indirizz sħiħ. Dwar l-għotja, se jibgħatulna iċ-*cheque* fil-KLM.

20. Il-***Wi-Fi*** li se jinstalla l-gvern ċentrali se jitwaħħal mal-kabbana ta' Ġnien Tfal ir-Raħal wara li sar xogħol ta' tisbieħ aktar kmieni fil-ġimgħat li għaddew biex dawwalna l-istess ġnien permezz tal-ħaddiema tal-*IPSL*. F'dan il-waqt is-sindku nforma lill-kunsillieri illi tliet lampi tad-dwal tat-toroq oħra twaħħlu quddiem iċ-ċimiterju, minkejja li hawn se jkollna nagħmlu trinka fit-triq, oħra fl-istess triq kantuniera ma' Triq il-Mentna u fi Triq San Mikiel.

21. Dwar it-**tabellaġġ fi Triq tas-Sejba**, Nicholas Briffa reġa' fakkar fil-vleġġa li ilha tipponta fid-direzzjoni l-ħażina viċin is-*sub station*, int u ġej mis-Siġġiewi. Din it-tabella trid tinqala' u teħel tħares bil-kontra propju f'din il-kantuniera kerha.

22. Il-Kunsill Lokali Mqabba irringrazzja lil Aaron Briffa tad-diżinn li għamel bħala **abbozz għat-trofew Ġieh l-Imqabba**. Dan l-abbozz kien milqugħ b'sodisfazzjon mill-kunsillieri kollha għaliex dehrilhom li huwa wieħed addattat. Dan ix-xogħol sar senza interessi.

23. Kienet diskussa l-attività li jtella' l-KLM **f'Jum l-Imqabba** meta jagħti l-istess Ġieh l-Imqabba kull sena. F'dan il-punt kien diskuss l-eżodu tal-laqgħa li kellhom is-sindku, il-Kunsillier Grace Marie Mallia u s-segretarju eżekuttiv mas-Surmastrijiet tal-Każini tal-banda. Kien hemm kunsillieri illi qablu li l-każini ġaladarba ma jridux idoqqu programm flimkien, għandhom jibqgħu barra. Oħrajn ma kienux tal-istess ideja. Anzi tal-ewwel riedu li jieħu sehem biss il-kor tal-iskola filwaqt li tal-aħħar riedu li għalissa jibqgħu jipparteċipaw sena każin u sena l-ieħor. Peress li ma kienx hemm qbil, din id-diskussjoni kienet posposta għal ġurnata oħra. Is-segretarju eżekuttivqal li l-ideja tat-tfal mhix xi ħaġa li waqgħet f'moħħna issa, għaliex il-kor tal-iskola ġieli kien involut. Hu qal illi d-diffikultà hija li l-*music teacher* tkun waħda *peripatetic*, jiġifieri mhux assenjata mal-iskola tal-Imqabba biss, u f'Ottubru, t-tfal ikunu ma ngranawx biżżejjed għar-*rehearsals*. Almenu dawn kienu d-diffikultajiet l-antiki li kellu l-KLM meta kien qed juża dan is-servizz li kulħadd qabel li warajh hemm il-*backing* tal-ġenituri li jistgħu jixprunaw l-attendenza tal-programm. Minn naħa l-oħra, jekk din is-sena nkunu qed nutilizzaw is-servizz ta' każin, inkunu qed nikkommettu ruħna għas-sena ta' wara wkoll. Madankollu, is-sindku qal illi l-baned għandhom jibqgħu. Huwa kompla illi idejat oħra huma dawk li ggradwaw mill-Università ta' Malta, u biex inġibu avviż fil-fuljett sabiex dawn jinfurmawna u nifirħulhom kollha f'salt, waqt din is-serata. Is-segretarju eżekuttiv qal li lista bħal din hija diffiċli biex tintalab lill-Università ta' Malta u jagħtuhielna, minħabba l-liġi tal-protezzjoni tad-Data.

24. Għas-suġġeriment tas-sindku illi jkunu installati l-***ispeed cameras*** fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija se ssir it-talba preliminari lill-*TM* wara li kien hemm qbil mill-kunsillieri preżenti. Intant Nicholas Briffa qal li fl-istess ħin għandha ssir talba separata biex iż-*zebra crossing* tinbidel għal *pellican crossing* ħalli dejjem nevitaw l-inċidenti.

25. Kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti 380** għajr l-*overtime* li talbet l-Impjegata Mersia Mackay għalġurnata li marret Għawdex mingħajr ħlas mill-KLM.

26. Il-laqgħa ntemmet fit-20:30pm u se ssir dik li jmiss nhar it-22 ta' Ġunju, 2010.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*____ /06 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |